**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Roderick Bonnici**

**Kumpilazzjoni Numru 183/21**

**Illum 3 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Roderick Bonnici** detentur tal-karta tal-identità numru 080887M akkuzat talli:

F'Hal Far u/jew fi bnadi ohra nhar it-12 ta'Gunju 2020

1. Ikkommetta serq ta' container bin-numru tar-registrazzjoni CLHU8867366 liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta' Yanes Desira (ID:365782M) u/jew Container Repairs and Logistics Malta u/jew persuni ohra.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Lulju elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jitlob li tinstab htija u cioè:-

(1) Fl-artikoli 261, 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li dawn l-Artikoli gew moqrija lill-imputat fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2022 fejn huwa ma sabx oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju;

Semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

**IKKUNSIDRAT**

Xehed l-Ispettur Melvyn Camilleri li xehed illi l-imputat jahdem bhala burdnar mal-kumpanija Mixons u fejn jghid illi dan kien gie avvicinat minn zewg minn nies sabiex igorrilhom dan il-kontejner li kien jinsab f'post pubbliku f'Hal Far ghal Rahal Gdid u dan hekk ghamel. Illi fil-fatt ma kienx hemm kontestazzjoni mill-imputat anke fl-istqarrija tieghu li kien hu li ghabba dan il-kontejner u hadu Rahal Gdid. Fil-fatt hemm filmat ta' dan il-fatt.

Xehed ukoll il-parte civile Yanes Roderick Desira li jghid illi l-mestjier tieghu hu li jinnegozja fil-kontejners u dan il-kontejner partikolari kien ipparkjah barra l-grada tal-bitha tieghu. Jghid illi huwa hallas dan il-kontejner ghas-somma ta' tliet elef u hamsin ewro (€3,500). Jghid illi kien induna li dan il-kontejner kien nieqes fis-sittax ta' Gunju elfejn u ghoxrin (2020). Jghid illi dan il-kontejner kien ipparkjat biswit il-bitha tal-kumpanija Mixons fejn jahdem l-imputat. Ix-xhud ipprezenta dokument immarkat YD1 li juri l-provenjenza ta' dan il-kontejner u kemm xtrah il-parte civile.

Xehed Ryan Agius li huwa wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija Mixons fejn ikkonferma li l-imputat kien jahdem maghhom bhala xufier u kien l-gharus ta' ohtu. Jghid illi huwa ra l-filmat (li ma giex

ikkontestat mid-difiza) meta t-trakk taghhom kien hatt dan il-kontejner izda kien jidher biss tielaq u mhux jinhatt.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi rat il-verbal tal-prosekuzzjoni datat sbatax (17) ta' Mejju elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn gie dikjarat li dan il-kontejner instab fi Triq l-Iljun, Qormi u kien l-istess imputat li nforma lill-parte civile bih. Illi l-istess parte civile, in vista ta' dan ir-ritrovament, iddikjara li ma kellux aktar interess f'dawn il-proceduri.

Illi huwa minnu u mhux ikkontestat illi l-imputat ghabba dan il-kontejner u hadu post iehor izda l-provi cirkostanzjali kollha juru illi meta ttiehed dan il-kontejner ma kien hemm l-ebda malizja min-naha tal-imputat. Dan ghaliex dan il-kontejner kien f'post pubbliku u ma kellu bzonn isir l-ebda sgass sabiex dan jittiehed. Illi dan korroborat mal-verzjoni tal-imputat a tempo vergine li dan kien gie mqabbad minn terzi persuni sabiex imexxilhom dan il-kontejner minn post ghall-iehor fuq pagament u ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghalfejn ma temminx din il-verzjoni. Di piu', kif hareg tul din il-kumpilazzjoni dan il-kontejner instab go post iehor

mhux fejn kien hallih l-imputat u kien l-imputat stess li mar jinforma lill-parte civile b'din l-iskoperta. Ghalhekk huwa car u ovvju li l-imputat kien agixxa fuq pretensjoni hazina izda mhux b'malizzja jew b'xi *mens rea* li ried jikkommetti r-reat li hu addebitat ghalih.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Roderick Bonnici hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minn kull osservanza.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**